# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Dylan Agius**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Dylan Agius**, karta tal-identita bin-numru 416395M fejn ġie mixli talli fis-16 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tas-14:45 ġewwa Triq il-Fortizza tal-Mosta, n-Naxxar (in succinct) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura tal-għamla Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB-779, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emma Said u Kirsty Muscat kif ukoll offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Isaak Psaila; kif ukoll li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta'

tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ikkawża ħsara involontarja ta' valur ogħla minn mitejn u ħamsin euro fuq il-vettura AAL-556 misjuqa minn Vincent Portelli; kif ukoll li saq l-imsemmija vettura tal-għamla tal-għamla Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB-779 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża; kif ukoll saqha meta ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwra ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul is-seduta tal-15 t'April 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 14 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Duncan Borg Myatt tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat ikkommetta r-reati li bihom ġie mixli. Jirriżulta fid-data, ħin u lok imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien huwa li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamel Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB-779. Jirriżulta pruvat li waqt li l-imputat kien qiegħed isuq fit-triq indikata fiċ-ċitazzjoni huwa ma baqgħax aktar fil-kontroll tal-vettura misjuqa minnu b'mod li spiċċa biex invada l-karreġġjata opposta u baqa' dieħel fil-vettura Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni AAL-556 li kienet qegħda tinstaq fil-karreġġjata tagħha. Kawża ta' dan l-impatt bejn dawn iż-żewġt vetturi, minbarra l-ħsara li ġiet kaġunata liż-żewġ vetturi, ġie pruvat soddisfaċentement ukoll li l-passiġġieri li kienu riekbin mal-imputat fil-vettura misjuqa minnu sofrew l-offiżi fuq il-persuni tagħhom skont kif dettaljat fiċ-ċitazzjoni.

Ma jirriżulta li kien hemm ebda fattur kontributorju għal dan l-inċident. L-imputat jgħid li waqt li kien qiegħed isuq huwa qabad ftit il-bankina,

għamietu x-xemx u b’hekk ma baqgħax aktar fil-kontroll sħiħ tal-vettura misjuqa minnu. Biss din il-verżjoni ma teħlisx lill-imputat mir-responsabbilta tiegħu. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ. Inoltre, bil-vetturi moderni dejjem aktar muniti b'mezzi teknoloġiċi irid ukoll iżomm *proper look-out* ukoll b'kull mezz approprjat installat fil-vettura (bħal mirja jew *sensors* eċċetra) skont iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq sabiex ikun jista' jagħmel evalwazzjoni tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*.

Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, kull sewwieq xorta waħda anke jekk ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, irid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari tat-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ jew li jwaqqaf il-vettura misjuqa minnu biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid tkun

dejjem pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat naqas milli josserva dawn ir-regoli kardinali u kien konsegwenza t'hekk li seħħ dan l-inċident li ħalla tlieta minn nies korruti u żewġ vetturi danneġġjati. Dan apparti l-fatt li ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll fatt aktar gravi li l-imputat ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni. Il-Qorti tqis din bħala ksur ta' Liġi serjissimu, aktar u aktar tenut kont tal-eta relattivament żgħira u nuqqas t'esperjenza fis-sewqan li l-imputat kellu.

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel***, deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti pero fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat. L-aġir tiegħu kien fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest li kieku l-imputat kien diliġenti

biżżejjed, dan l-inċident setgħa ma seħħx jew kien ikollu konsegwenzi ferm anqas gravi.

## ***Decide***

li rat l-Artikoli 17, 226 u 328(c)(d) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, nonche l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara lil Dylan Agius ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih tikkundannah għal multa komplessiva ta' erbat elef euro (€4000).

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar millum f'nofs il-lejl.

***Mogħtija illum 27 ta` Novembru, 2017, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***